Minuti tal-5 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Hamis 13 ta' Gunju, 2013. Il-laqgha nbdiet hin 5.00pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
| --- | --- |
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Louis Apap |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | Lisa Marie Brooke |
| | CarmenVella |

| **Ufficjali:** | |
| --- | --- |
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Apap Attard |

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tar-4 laqgha.**

1.1 Il-Minuti tar-4 laqgha gew approvati unanimament u ffirmati bhala dokument korrett.

**2.0 Offerta Nourish Our Town Design Competition.**

2.1 Lisa Marie Brooke waslet hin 5.05pm.

2.2 Din l-offerta kienet ippublikata aktar kmieni u kien ghadha pendenti. Kienu ntefghu zewg offerti minn Alfio Nicotra f'isem International Trading and Renewable Energies Ltd u Carmel Cauchi. Gew trattati r-rapport ta' evalwazzjoni tal-bord ta' evalwazzjoni kompost minn Dr Joshua Grech, Nutar Josette Spiteri Cauchi u Mr Paul Zahra. Gie trattat ukoll ir-rapport ppreparat minn BSC. Iz-zewg rapporti isibu l-offerta sottomessa minn Alfio Nicotra f'isem International Trading and Renewable Energies Ltd bhala li tilhaq il-kriterji mitluba fit-tender.

2.3 Il-Kunsill qabel unanimament li qabel ma jikkommetti ruhu dwar din l-offerta ghandu jipprezenta l-proposti mressqa fl-offerta ta' Alfio Nicotra f'isem International Trading and Renewable Energies Ltd lill-Awtorita' kompetenti l-MRA biex tghin lill-Kunsill jassessja l-proposti.

2.4 Il-Kunsill qabel ukoll illi l-kuntrattur li l-offerta tieghu qed tigi kkunsidrata ghandu jigi nfurmat u li l-Kunsill ser ikun qed jiehu l-parir tal-MRA.

**3.0 Aggorament dwar xogholijiet u progetti.**

3.1 Il-Kunsill iddiskuta l-andament tal-progett M323 fejn gie spjegat illi x-xogholijiet fuq dan il-progett kwazi kollha maghluqa. Dwar ir-restawr tas-shelter gie spjegat ghad fadal xi xogholijiet pendenti. Gie spjegat illi l-apparat awdjo-viziv ser ikun qed jinzamm fil-Kunsill u jitpogga fix-xhelter biss meta jkun ser jintuza. Il-Kunsill qabel unanimament. Dwar il-kuntratt tar-restawr tal-Knisja taz-Zejt gie spjegat illi l-kont ppreparat mill-Perit/konsulent tekniku tal-progett li kien elenkat fl-iskeda ta' pagamenti tal-laqgha precedenti ghadu pendenti ghall-konferma tal-kuntrattur. Il-Kunsill iddiskuta dwar l-issue tad-dawl tac-cimiterju u d-DNO relatat. Dwar ir-restawr tal-faccata tal-Knisja il-Kunsill qabel li x-xogholijiet huma mexjin b'ritmu tajjeb. Gie spjegat illi l-MEPA qed taghmel *site visits* regolari u hija sodisfatta bix-xoghol li qed isir. Il-hsieb huwa illi xoghol bl-*iscaffolding* jitlesta mill-iktar fis biex dan jizzarma sa zmien il-festa. Ser jinbidlu l-imsiemer ezistenti fil-faccata li maghhom jintrama d-dawl ghal imsiemer tal-*stainless steel* jew ram u dan fuq pariri tal-Mepa u b'kordinament bejn il-Kunsill u l-Knisja. Il-Kunsill iddiskuta l-fatt li l-maltemp li ghamel fl-ahhar xhur ma kienx qed jippermetti li jsir xoghol fuq il-faccata tal-Knisja u ghalhekk din kienet xi haga 'il barra mill-kontroll tal-kuntrattur li ma ppermettitlux jehles ix-xoghol qabel. Is-Sindku ssuggerixxa li l-kuntratt ikun estiz sa l-ahhar ta' Settembru. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.2 Gie spjegat illi saru t-toqob tal-antarjoli kif diskuss fil-laqgha precedenti. Dawn saru mill-kuntrattur Baskal Saliba u Gozo Concrete Products Ltd. wara li ngabru xi kwotazzjonijiet u gew jiswew circa Euro 38 il-wahda. Gie spjegat ukoll illi nxtraw xi covers li jiswew Euro 10 il-wahda minghand Francis Caruana Ltd.

3.3 Dwar il-progett tal-*leisure park* gie spjegat illi l-kont tax-xogholijiet ippreparat mill-Perit/konsulent tekniku tal-Progett gie rivedut mill-kuntrattur u issa qieghed ghand il-Perit ghar-revizjoni. Hekk kif dan ikun konkluz u johrog il-bilanc pendenti fuq l-offerta tal-kostruzzjoni ikun jista' jsir il-pavimentar fis-sular ta' isfel. Il-hsieb huwa illi l-krejn jitnehha mill-post sa l-ahhar ta' Gunju. Il-Kunsill qabel li l-bilanc ta' seats ghandhom jehlu wara il-lasti fil-ground. Fis-sular ta' isfel ghandhom jehlu wkoll il-bqija tal-bankijiet u bins. Il-Kunsill iddiskuta dwar il-problema taz-zamma tal-ilma fis-sular ta' isfel fejn gie deciz li din ser tkun indirizzata billi jsir kanal fuq in-naha tal-ground peress li l-progett tal-landscaping x'aktarx ikun approvat u jkun jista' jsir il-gibjun.

3.4 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-progett propost illi l-ground tal-futbol isir bit-turf min naha tal-GFA. Gie spjegat illi din il-proposta qeghda quddiem l-awtoritajiet fosthom il-Ministru ghal Ghawdex flimkien mal-assocjazzjonijiet GFA u MFA.

3.5 Il-Kunsill kompla jiddiskuti dwar il-progett M323. Gie spjegat illi peress li d-data tal-eghluq tal-progett hija l-10 ta' Settembru, 2013 u l-kontijiet jiehdu ammont sostanzjali ta' zmien biex ikunu finalizzati x-xogholijiet iridu jkunu lesti ta' l-anqas sa l-10 ta' Lulju biex il-progett ikun jista' jinghalaq fil-hin. Il-Kunsill qabel illi fil-laqgha bilaterali li jmiss tal-progett mal-Awtorita' ta' Gestjoni ghandha tintalab estensjoni biex ikun possibbli li jintefqu l-flus kollha li fadal.

Il-Kunsill iddiskuta dwar l-applikazzjoni Mizura 125 diskussa waqt il-laqgha precedenti. Is-Sindku b'dizappunt spjega illi l-ghajnuna fuq it-toroq ta' Wied ir-Raghab, min naha tal-Ministeru ghal Ghawdex kif spjegat waqt il-laqgha precedenti giet irtirata u m'ghadhiex disponibbli u ghalhekk qed isiru l-preparamenti mehtiega biex issir l-applikazzjoni taht l-iskema ta' Mizura 125 ghat-triq ta' Wied ir-Raghab. Gie spjegat illi kemm il darba tkun approvata din l-applikazzjoni jkun jista' jsir il-wicc tat-triq bil-konkrit biss u mhux hitan tas-sejjieh.

**4. Skeda ta' hlasijiet.**

4.1 Ma saritx skeda ta' pagamenti. Gie approvata ghall-hlas invoice ta' Refalo Bros dwar Interim Payment 2 fuq il-kuntratt tar-restawr tal- faccata tal-Knisja ghall-ammont ta' Euro2250.48.

**5. Korrispondenza u materji ohra.**

5.1 Giet trattata l-korrispondenza segwenti: Mis-Segretarju Parlamentari ghall-Gustizzja kopja tal-ewwel dokument ghall-konsultazzjoni pubblika ppreparat mill-Kummissjoni ghal Riforma Holistika fil-Qasam tal-Gustizzja.

5.2 Mill-Maltese Association for the Prevention of Elder Abuse, formola ta' shubija u ta' registrazzjoni ghal-seminar.

*5.3* Mill-Forestals informazzjoni promozzjonali dwar *interactive board systems.*

5.4 Mill-MEPA kopja tas-suppliment Outlook.

5.5 Mill-MEPA korrispondenza fir-rigward ta' DN722/13, DN719/13, DN721/13, DN720/13 kollha applikazzjonijiet DNO tal-Kunsill fir-rigward tal-progett propost tal-landscaping.

5.6 Mill-Mepa applikazzjonijiet godda ghall-permess ta' zvilupp PA1525/13, PA1555/13 u PA1569/13.

5.7 Invit mis-Socjeta' Filarmonika Prekursur ghall-Programm Vokali u Strumentali mill-Banda Prekursur kif ukoll ghall-wirja Gozo Celebrates Mattia Preti.

5.8 Mid-Direttur Generali ta' *Today Public Policy Institute* dwar ir-rapport 'Same Sex: Same Civil Entitlements'.

5.9 Mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali l-approvazzjoni tas-Sna Emily Amatulli Depasquale bhala Deputat Segretarju Ezekuttiv b'effett mill-1 ta' Lulju, 2013 ghal perjodu ta' 90 jum.

5.10 Hawnhekk il-Kunsill iddiskuta l-hatra ta' Ufficjal fi Skala 11, suggett diskuss fil-laqgha precedenti. Gie spjegat illi l-procedura biex dan isir skond ir-regolamenti hija permezz ta' *internal call*. Il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg l-*internal call* ghal ufficjal fi skala 11.

5.11 Mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali AKL Cirk39/2013 dwar Thawwil ta' Sigar. Il-Kunsill qabel li jipproponi z-zona ta' Wied il-Mielah kif ukoll iz-zona ta' madwar il-ground tal-futbol.

5.12 Mis-Segretarjat Parlamentari ghad-drittijiet ta' persuni b'dizabilita' u anzjanita' attivita dwar seminar pubbliku ta' konsultazzjoni.

5.13 Mill-Associazione Culturale Innova Civitas dwar il-progett Youth Award Innovative Enterprises in the Urban Development liema progett gie approvat mill-EACEA fi hdan il-Kummissjoni Ewropeja ghall-finanzjament. Il-progett huwa promoss mill-belt ta' Enna u l-Ass. Culturale Innova Civitas bhala ko-organizzatur. Il-Kunsill Lokali l-Gharb huwa partner ghall-progett. Il-progett ghandu budget ta' Euro 73,730 li minnhom il-Kunsill Lokali l-Gharb ghandu budget ta' Euro 12,531 b'50% ko-finanzjament mill-EU u l-bqija mill-Kunsill f'format *in kind*. Is-Sindku spjega illi ser tkun qed issir il-*kick off meeting* tal-progett f'dawn il-granet fi Sqallija. Il-Kunsill qabel li jiehu sehem fil-progett.

5.14 Carmen Vella staqsiet kienx hemm xi zviluppi dwar it-talba fil-bidla tar-rotta tal-Arriva. Is-Sindku spjega dwar laqgha li kellu ma ufficjali tal-Arriva u li dawn ghandhom jiltaqghu fil-lokalita' sabiex jiddiskutu dan il-bdil. Appuntament ghadu ma nghatax.

5.15 Emanuel Muscat staqsa jekk hemmx indikazzjoni fil-Pjazza li hemm kamera, peress li din il-kamera tista' tigi kkwotata. Gie spjegat illi l-iskop tal-kamera fil-Pjazza huwa sabiex wiehed ikun jista' jsegwi minn fuq il-website tal-Kunsill u li l-kamera ma tirrekordjax. Il-Kunsill iddiskuta wkoll dwar il-kameras ta' Wied il-Mielah li ma jirrekordjawx. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom ikunu jirrekordjaw u ghalhekk ghandu jintalab il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija.

5.16 Lisa Marie Brooke staqsiet dwar is-servizz tal-open skip fi Triq Santu Pietru. Gie spjegat illi peress li l-Kunsill ghandu vvutat ghal zewg skips biss dan is-servizz qed ikun offrut minn Triq Tumas Cassar biss kif diskuss u deciz precedentement. Gie spjegat li l-Kunsill joffri wkoll is-servizz ta' bulky refuse li wiehed jista' jaghmel uzu minnu.

5.17 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-gbir tal-iskart u s-servizz tas-separazzjoni tal-iskart. L-iskema deciza fil-laqgha precedenti fejn l-iskart tar-reciklagg ghandu jibda jingabar kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Gimgha ghadha ma gietx introdotta. Din ser tkun introdotta fix-xahar ta' Lulju wara li jinhareg l-avviz fuq in-newsletter il-Pjazza. Dwar il-granet tal-gbir tal-iskart normali il-Kunsill qabel li dawn ghandhom ikunu t-Tnejn, l-Erbgha u s-Sibt u mhux kif indikat fil-laqgha precedenti t-Tnejn, il-Hamis u s-Sibt u dan sabiex il-gurnata meta ma jingabar l-ebda tip ta' skart tibqa il-Hamis. Dan ma jghoddx ghax-xhur minn Lulju sa Settembru fejn l-iskart jingabar anke nhar ta' Hamis. Il-Kunsill iddiskuta dwar il-gbir ta' hgieg fejn gie spjegat illi din l-iskema ma hadmitx f'lokalitajiet ohra u l-Green MT m'humiex interessati joffru dan is-servizz jekk mhux ghajr fil-bring in site.

5.18 Il-Kunsill iddiskuta dwar ilment minn bdiewa li ghandhom ir-raba taghhom f'Wied il-Mielah dwar xoghol ta' twittija li sar fil-Wied ta' Jodros min naha tal-CMU. Il-bdiewa kkoncernati huma preokkupati illi bix-xita il-kanal li jinsab hdejn propjeta' ta' Sammy Camilleri jista' jinghalaq u jikkawzalhom hsarat fl-eghlieqi taghhom. Gie spjegat illi l-Kunsill kien avvicinat kemm 'il darba biex isir dan ix-xoghol ta' twittija fil-Wied ta' Jodros izda dan ma sarx minhabba enforcement notice li kienet harget il-Mepa kif spjegat fil-laqgha precedenti. Il-Kunsill filwaqt li jifhem li permezz ta' dan ix-xoghol numru ta' bdiewa qed igawdu access ghall-eghlieqi taghhom, qabel li ghandu jinforma lic-CMU bil-preokkupazzjoni tal-bdiewa li ressqu l-ilment u jitlob jekk tistax issir xi haga li tippreveni milli l-materjal jingarr. Kien hemm qbil ukoll li fl-istess ittra c-CMU jinzammu responsabbli li jnaddfuh ghaliex dan il-materjal jista' jispicca fil-Wied ta' Wied il-Mielah.

5.19 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-progett OBIMED fejn gie spjegat illi giet ippublikata l-ahhar kwotazzjoni relatata ma dan il-progett u dan biex isiru billboards promozzjonali. Din taghlaq fid-19 ta' Gunju, 2013 hin 10.00am u s-Sindku talab lill-membri min ser ikun prezenti. Emanuel Muscat talab li ssir rikjesta biex ikun skuzat mix-xoghol biex jattendi ghal dan il-ftuh. Peress li s-Sur Muscat qal li kien hemm tibdil fl-amministrazzjoni, is-Segretarju Ezekuttiv talbitu sabiex jiehu hsieb jindika lil min trid tkun indirizzata din it-talba. Kien hemm qbil li peress li z-zmien huwa limitat sabiex jaghlaq il-progett, l-orhos kwotazzjoni ghandha tkun accettata u jinhadem ix-xoghol.

5.20 Is-Sindku gibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar xogholijiet li jsiru mill-Gvern Centrali gewwa l-lokalita'. Is-Sindku spjega illi huwa nfurmat illi saret talba ghal xi bankina. Huwa spjega li kull membru tal-Kunsill ghandu jirrispetta l-kodici ta' etika u m'ghandomx isiru xogholijiet fil-lokalita' minghajr ma jkun mgharraf bihom il-Kunsill. Ghaldaqstant kull talba ghal xi xoghol ghandha l-ewwel tersaq quddiem il-Kunsill. Emanuel Muscat staqsa jekk humiex ser isiru xogholijiet ohra ta' bankini ghaliex huwa nfurmat li ser isiru xi xogholijiet ohra. Is-Sindku wiegeb li x-xogholijiet li ser isiru huma fi Triq Trux dik ta' Bartone u dik ta' Demajo li hija miksura kompletament. Dawn ix-xogholijiet huma parti mix-xogholijiet ta' bankini approvati mill-Kunsill biex ikomplu mal-progett tal-PPP li twettaq f'din it-triq.

5.21 Lisa Marie Brooke gibdet l-attenzjoni dwar il-bankina ta' Sunta Camilleri fi Triq il-Knisja fejn ir-residenta qed tilmenta illi l-bankina u l-ghatba tal-bieb huma xi ftit gholja u ghaldaqstant talbet li ssir xi haga. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li hemm zewg ghazliet kif tista' tissolva din il-problema li huma jew issir forma ta' rampa quddiem il-bieb bla ma tostakola l-bankina jew inkella li titranga l-ghatba billi ssir ghatba aktar il-gew kif ukoll li il-gate ezistenti tersaq il-gew ukoll. Is-Sindku ippropona illi ix-xoghol fir-rigward ta' wahda miz-zewg ghazliet ghandu jidhol ghall-ispejjes il-Kunsill peress li hija bankina pubblika. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Sindku spjega li dawn l-ghazliet kienu ga gew komunikati lir-residenta sabiex tigi rimedjata s-sitwazzjoni. Il-Kunsill ghadu bla risposta. Is-Sindku talab lil Lisa Marie Brooke biex tikkomunika d-decizjoni tal-Kunsill.

5.22 Is-Sindku pogga fuq il-mejda d-dizinn tal-Infiorata 2013 li thejja minn Michael Bajada bhala parti mis-servizz/kuntratt moghti lill-Kumitat Festi Esterni. Id-dizinn gie approvat unanimament. Gie spjegat illi t-tapit ser ikun qieghed fis-sala tal-iskola biex jibda x-xoghol preparatorju. Gie spjegat ukoll illi kif diskuss fil-laqgha precedenti fl-eventwalita' ta' previzjoni tar-rih ser isir il-flat bar fil-gnub li jehel go loops biex ir-rih ma jtajjarx it-tapit. Dan ser jigi jiswa madwar mitt Euro 250.

5.23 Il-Kunsill rega' ddiskuta t-terminazzjoni tal-Kumitat Kongunt dwar il-Gwardjani Lokali u l-kuntratt propost ma Datatrak, suggett diskuss fil-laqgha precedenti. Gie spegat li wara komunikazzjoni mal-Ufficjal Awtorizzat David Soler inghatat l-informazzjoni illi l-kuntratt propost huwa sabiex jinghalqu l-kontijiet ta' zmien il-kumitat kongunt u wara din it-terminazzjoni s-servizz ser ikun amministrat mill-Kumitat tar-Regjun. Il-Kunsill qabel unanimament li jiffirma dan il-kuntratt.

**6. Aggornament.**

6.1 Il-laqgha tal-Kunsill li jmiss ser issir f'Lulju wara l-festa. Data ezatta ma gietx stabbilita.

6.2 Il-laqgha spiccat hin 6.15pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

J Apap Attard

Joanne Apap Attard
Segretarju Ezekuttiv